Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Settembru 2023**
**(OR. en)**

PUBLIC

**Fajls Interistituzzjonali:**
**2023/0138(COD)**
**2023/0137(CNS)**
**2023/0136(NLE)**

**10202/23**

**LIMITE**

**JUR 368**
**ECOFIN 564**
**UEM 169**
**TSGC 4**

**OPINJONI TAS-SERVIZZ LEGALI**[1]

| | |
|---|---|
| minn: | Servizz Legali |
| Suġġett: | Inkorporazzjoni proposta fid-dritt tal-Unjoni tas-sustanza tat-Titolu III "Patt Fiskali" tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG) mill-proposti tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv u għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri |

[1] Dan id-dokument fih parir legali protett taħt l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma ħariġx għall-pubbliku. Il-Kunsill jirriżerva d-drittijiet legali kollha tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe pubblikazzjoni mhux awtorizzata.

## I. INTRODUZZJONI

1. Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposti għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97[2], għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 1467/97[3] dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv u għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri[4] (minn hawn' il quddiem imsejħa flimkien "il-pakkett tar-Rieżami tal-Governanza Ekonomika (EGR)").

2. Il-proposti għandhom l-għan "*li [jagħmlu] l-qafas ta' governanza tal-UE aktar sempliċi (bl-użu ta' indikatur operazzjonali uniku fil-forma ta' perkors tan-nefqa netta u billi jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni ta' pjan fiskali strutturali ta' terminu medju olistiku, uniku u integrat), aktar trasparenti u effettiv, bi sjieda nazzjonali akbar u infurzar aħjar, li jippermetti riforma u investiment filwaqt li jitnaqqsu l-proporzjonijiet għoljin tad-dejn pubbliku b'mod realistiku, gradwali u sostnut*"[5]. Fl-istess ħin, "*billi jimmira lejn finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli kif ukoll il-promozzjoni tat-tkabbir, il-qafas riformat jissodisfa wkoll l-objettivi ewlenin tal-Patt Fiskali li jifforma t-Titolu III tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG). Barra minn hekk, elementi oħrajn tal-leġiżlazzjoni proposta jżommu s-sustanza tal-Patt Fiskali*[6].

2 COM(2023) 240 final.
3 COM(2023) 241 final.
4 COM(2023) 242 final
5 Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-proposta għal Regolament dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, p. 2.
6 Ibid., p. 3.

3. Għaldaqstant, it-tliet proposti kollha tal-pakkett tal-EGR fihom premessa fformulata b'mod identiku, li tispeċifika li "*jistabbilixxu qafas ta' governanza ekonomika riformat tal-Unjoni li jinkorpora fid-dritt tal-Unjoni s-sustanza tat-Titolu III "Patt Fiskali"* [tat-TSKG] *fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja, f'konformità mal-Artikolu 16 tiegħu*"[7].

4. B'rabta ma' dan, waqt il-ħidma preparatorja li għaddejja fil-Kunsill fuq il-proposti, il-mistoqsijiet li ġejjin tqajmu fil-grupp ta' ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji:

   i) il-pakkett tal-EGR jinkorpora s-"sustanza" tal-Patt Fiskali skont it-tifsira tal-Artikolu 16 TSKG?

   ii) xi jkunu l-konsegwenzi tal-adozzjoni tal-pakkett tal-EGR fuq ir-reġim legali tat-TSKG? kif ukoll

   iii) l-Artikolu 7 tat-TSKG jibqa' applikabbli fejn il-pakkett tal-EGR jieħu post it-TSKG?

5. Is-Servizz Legali tal-Kunsill (SLK) ifakkar li diġà ġew analizzati kwistjonijiet identiċi fl-opinjoni tiegħu tal-25 ta' April 2018[8] dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tar-responsabbiltà fiskali u l-orjentazzjoni baġitarja għall-perjodu medju fl-Istati Membri.

PUBLIC

[7] Rispettivament il-premessa (32) tal-proposta għal Regolament dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, il-premessa (23) tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv u l-premessa (8) tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri.

[8] Dokument 8336/18 ("l-opinjoni tas-SLK tal-2018").

6. Għalhekk, il-kwistjonijiet relatati mal-effetti fuq l-istatus legali tad-dispożizzjonijiet tat-TSKG jekk ġew inkorporati fid-dritt tal-Unjoni b'mod li jikkorrispondi għas-"sustanza" tiegħu diġà ġew diskussi u mwieġba fil-punti 30 sa 39 u 41 tal-opinjoni tas-SLK tal-2018. Minħabba li l-mistoqsijiet attwali (2) u (3) huma bbażati fuq l-istess suppożizzjoni, ma hemm ebda element ġdid fil-pakkett tal-EGR li jbiddel il-konklużjonijiet tal-opinjoni tal-2018 f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, din l-opinjoni ser tiffoka fuq il-mistoqsija (1), sa fejn il-pakkett tal-EGR huwa materjalment differenti mill-proposta li kienet soġġetta għall-analiżi fl-opinjoni tas-SLK tal-2018. Madankollu, fejn rilevanti, din l-opinjoni għadha toqgħod fuq l-opinjoni tal-2018 b'appoġġ għal din l-analiżi.

PUBLIC

## II. <u>KUNTEST LEGALI U FATTWALI</u>

7. It-TSKG daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013 u obbliga lill-Partijiet Kontraenti biex, f'dispożizzjonijiet nazzjonali vinkolanti u permanenti, preferibbilment kostituzzjonali, jonqxu regola ta' baġit bilanċjat f'termini ta' aġġustament ċikliku, bil-limitu l-baxx għad-defiċit strutturali ta' 0.5 % tal-prodott domestiku gross (PDG), li jista' jsir 1 % tal-PDG għall-Istati Membri li jkollhom livell ta' dejn li jkun ferm inqas minn 60 % u riskji baxxi għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi ("regola ta' baġit bilanċjat", Artikolu 3(1) TSKG). It-TSKG jirrikjedi wkoll li r-regola ta' baġit bilanċjat jkollha effett fil-liġi nazzjonali *"permezz ta' dispożizzjonijiet li jkunu vinkolanti u ta' karattru permanenti, preferibbilment kostituzzjonali, jew li b'xi mod ieħor ikunu garantiti li jiġu rispettati u osservati b'mod sħiħ matul il-proċessi baġitarji nazzjonali"* (l-Artikolu 3(2) tat-TSKG).
Dan huwa kkomplementat mir-rekwiżit li jiżgura li devjazzjonijiet sinifikanti awtomatikament jiskattaw mekkaniżmu ta' korrezzjoni (Artikolu 3 TSKG). Il-Kummissjoni pproponiet ukoll xi prinċipji komuni dwar il-mekkaniżmi nazzjonali ta' korrezzjoni fiskali, inkluż ir-rwol u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet ta' monitoraġġ[9].

[9] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Prinċipji komuni dwar mekkaniżmi nazzjonali ta' korrezzjoni fiskali (COM(2012) 342 final).

8. Bl-istess mod, it-TSKG fih mekkaniżmi ta' infurzar speċifiċi, li permezz tagħhom in-nuqqas ta' inkorporazzjoni dovuta tar-regola ta' baġit bilanċjat fil-liġi nazzjonali jista' jwassal għal azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE għal ksur tal-obbligi skont it-Trattat (l-Artikolu 8 TSKG), kif ukoll impenji ta' governanza aktar ġenerali, bħal dawk marbuta mal-votazzjoni fil-qafas tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (EDP) (l-Artikolu 7 TSKG), il-koordinazzjoni ex ante tar-riformi tal-politika ekonomika (l-Artikolu 11) u l-possibbiltà li jsiru Summits tal-Euro (l-Artikolu 12 TSKG)[10].

9. It-TSKG jordna wkoll li *"[f]i żmien ta' mhux aktar minn ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat, fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-esperjenza bl-implimentazzjoni tiegħu, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa, f'konformità mat-[TUE] u mat-[TFUE], bil-għan li s-sustanza ta' dan it-Trattat tiġi inkorporata fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea"* (Artikolu 16 TSKG).

[10] Dan jikkorrispondi għall-paragrafu 6 tal-opinjoni tas-SLK tal-2018.



PUBLIC

10. Il-Kummissjoni tikkunsidra li:

"*billi jibni fuq l-esperjenza bl-implimentazzjoni tat-TSKG mill-Istati Membri, il-pakkett leġiżlattiv propost iżomm l-orjentazzjoni tal-Patt Fiskali ta' terminu medju bħala għodda biex jinkisbu d-dixxiplina baġitarja u l-promozzjoni tat-tkabbir. Il-pakkett jinkludi dimensjoni msaħħa speċifika għall-pajjiż, immirata lejn it-tisħiħ tas-sjieda nazzjonali, inkluż permezz ta' rwol aktar b'saħħtu għall-Istituzzjonijiet Fiskali Indipendenti, li essenzjalment tibbaża fuq il-prinċipji komuni tal-Patt Fiskali proposti mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 3(2) tat-TSKG. L-analiżi tan-nefqa, netta mill-miżuri ta' dħul diskrezzjonali, għall-valutazzjoni ġenerali tal-konformità meħtieġa mill-Patt Fiskali hija stabbilita f'dan ir-Regolament. Bħal fil-Patt Fiskali, devjazzjonijiet temporanji mill-pjan ta' terminu medju huma permessi biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali f'dan ir-Regolament. B'mod simili għall-Patt Fiskali, f'każ ta' devjazzjonijiet sinifikanti mill-pjan ta' terminu medju, jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri biex jiġu kkoreġuti d-devjazzjonijiet fuq perjodu ta' żmien definit. Il-pakkett isaħħaħ is-sorveljanza fiskali u l-proċeduri ta' infurzar biex jitwettaq l-impenn tal-promozzjoni ta' finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli u tkabbir sostenibbli u inklużiv. Għalhekk, ir-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika żżomm l-objettivi fundamentali tad-dixxiplina baġitarja u s-sostenibbiltà tad-dejn stabbiliti fit-TSKG*"[11].

[11] Rispettivament il-premessa (32) tal-proposta għal Regolament dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, il-premessa (23) tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv u l-premessa (8) tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri.

## III. ANALIŻI LEGALI

11. Iridu jsiru żewġ kummenti preliminari: l-ewwel, l-obbligu tat-TSKG li jittieħdu l-passi meħtieġa bil-għan li s-"*sustanza*" ta' dak it-Trattat tiġi inkorporata fil-qafas legali tal-UE ma jistax ikollu l-effett li jirrestrinġi l-livell ta' diskrezzjoni tal-leġiżlatur tal-UE biex jadotta l-qafas tal-governanza ekonomika li jqis li jkun xieraq. Il-ftehimiet internazzjonali konklużi fost l-Istati Membri ma jistgħux jipperikolaw l-awtonomija tal-ordni legali tal-UE.

12. It-tieni, kif spjegat fil-paragrafu 9 tal-opinjoni tas-SLK tal-2018, "*il-Partijiet Kontraenti tal-TSKG huma responsabbli għall-valutazzjoni tat-tifsira u tal-effetti tad-dispożizzjonijiet li huma stess innegozjaw u rratifikaw*." Bħal f'dik l-opinjoni, din l-opinjoni għaldaqstant hija limitata għal  għadd ta' kriterji għall-interpretazzjoni biex tippermetti lill-Partijiet Kontraenti jivvalutaw jekk il-pakkett tal-EGR propost ikunx jinkorpora s-"*sustanza*" tat-TSKG, fis-sens msemmi fl-Artikolu 16 TSKG, fid-dritt tal-Unjoni.

13. Qabel xejn, l-Artikolu 2(1) tat-TSKG jistabbilixxi li għandu jiġi applikat u interpretat f'konformità mat-Trattati tal-UE, b'mod partikolari mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali mnaqqax fl-Artikolu 4(3) TUE, u mal-liġi sekondarja tal-UE. It-tieni, skont l-Artikolu 31(1) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati (KVLT), it-Trattati, bħat-TSKG, għandhom jiġu interpretati abbażi tat-test, il-kuntest, l-għan u l-iskop tagħhom: "*trattat għandu jkun interpretat [...] skont it-tifsira ordinarja li għandha tingħata lit-termini tat-trattat fil-kuntest tagħhom u fid-dawl tal-għan u l-iskop tiegħu*".

14. Barra minn hekk, l-Artikolu 32 tal-KVLT jirreferi għall-mezzi ta' interpretazzjoni supplimentari għal dawk imsemmija fil-paragrafu ta' qabel, inkluż il-ħidma għat-tħejjija tat-Trattat u ċ-ċirkostanzi tal-konklużjoni tiegħu.



PUBLIC

15. It-terminu "*sustanza*" għaldaqstant għandu jiġi spjegat skont il-kriterji ta' hawn fuq.

16. L-Artikolu 1 TSKG jistabbilixxi l-objettivi tat-Trattat: i) it-tisħiħ tal-pilastru ekonomiku tal-unjoni ekonomika u monetarja bl-adozzjoni ta' sett ta' regoli maħsuba biex irawmu d-dixxiplina baġitarja permezz ta' patt fiskali; ii) it-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-linji ta' politika ekonomika u iii) it-titjib tal-governanza taż-żona tal-euro. Dawn it-tliet objettivi kollha jistgħu jitqiesu bħala elementi essenzjali tat-TSKG u, għalhekk, parti mis-sustanza tiegħu[12]. Madankollu, skont il-premessi tiegħu, il-pakkett tal-EGR jimmira għall-inkorporazzjoni tat-Titolu III biss tat-TSKG ("Patt Fiskali"), li jikkorrispondi għall-ewwel wieħed mill-objettivi tat-TSKG imsemmijin hawn fuq. Għaldaqstant, l-analiżi li ġejja ser tiffoka fuq dan l-ewwel objettiv tat-trawwim tad-dixxiplina baġitarja permezz ta' patt fiskali.

17. Dan l-objettiv huwa rifless, fis-sustanza tiegħu, fl-Artikolu 3 tat-TSKG, li jintroduċi: i) regola ta' baġit bilanċjat, espress f'termini numeriċi attwali (il-limitu l-baxx ta' defiċit strutturali ta' 0.5 % tal-prodott domestiku gross bil-prezzijiet tas-suq); ii) obbligu ta' traspożizzjoni tar-regoli sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dak it-Trattat *"permezz ta' dispożizzjonijiet li jkunu vinkolanti u ta' karattru permanenti, preferibbilment kostituzzjonali, jew li b'xi mod ieħor ikunu garantiti li jiġu rispettati u osservati b'mod sħiħ matul il-proċessi baġitarji nazzjonali"*; u iii) mekkaniżmu awtomatiku ta' korrezzjoni.

18. L-iskop u l-kontenut imsemmijin fil-paragrafi preċedenti għandhom jiġu interpretati fil-kuntest li fih ġie nnegozjat it-TSKG. Il-Konferenza Intergovernattiva inkarigata min-negozjar tiegħu ġiet stabbilita skont id-Dikjarazzjoni mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-Żona tal-Euro tad-9 ta' Diċembru 2011. F'dik id-dikjarazzjoni, il-Kapijiet semmew l-intenzjoni tagħhom li jintroduċu arkitettura rinfurzata għall-UEM, b'mod partikolari permezz tal-impenn li jistabbilixxu regola fiskali ġdida, imsejsa fuq il-prinċipju li l-baġits ġenerali tal-gvern għandhom ikunu bilanċjati jew b'bilanċ pożittiv. Id-Dikjarazzjoni tispeċifika li *"dan il-prinċipju għandu jitqies li ġie rrispettat jekk, bħala regola, id-defiċit strutturali annwali ma jaqbiżx iż-0.5 % tal-PDG nominali"*[13].

---

[12] Dan jikkorrispondi għall-paragrafi 10 sa 14 tal-opinjoni tas-SLK tal-2018.
[13] Dan jikkorrispondi għall-paragrafu 16 tal-opinjoni tas-SLK tal-2018.



PUBLIC

19. B'konsegwenza ta' dan, l-Artikolu 3 tat-TSKG jista' jitqies bħala s-"*sustanza*" li jirreferi għaliha l-Artikolu 16 tat-TSKG[14].

20. Min-naħa tiegħu, il-pakkett propost tal-EGR fih diversi elementi li huma parti mill-Artikolu 3 tat-TSKG. Kif innotat mill-Kummissjoni: "*il-qafas riformat jissodisfa wkoll l-objettivi ewlenin tal-Patt Fiskali li jifforma t-Titolu III tat-[TSKG]...B'orjentazzjoni ta' terminu medju ankrata fuq l-isfidi tad-dejn speċifiċi għall-pajjiż, [ir-Regolament propost li jissostitwixxi r-Regolament 1466/97] jirrifletti parzjalment ir-rekwiżit tal-Patt Fiskali ta' konverġenza għal pożizzjonijiet ta' terminu medju li għandhom jiġu proposti filwaqt li jitqiesu l-isfidi tad-dejn pubbliku speċifiċi għall-pajjiż (l-Artikolu 3(1) il-punt b tat-TSKG). Filwaqt li jenfasizza l-bilanċ strutturali, il-Patt Fiskali jirrikjedi wkoll analiżi tan-nefqa netta tal-miżuri diskrezzjonali ta' dħul għall-valutazzjoni ġenerali tal-konformità (l-Artikolu 3(1) il-punt b, tat-TSKG), u din l-analiżi hija sostnuta [fil-proposta]. Il-Patt Fiskali jippermetti devjazzjonijiet temporanji mill-objettiv ta' terminu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejh f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss (l-Artikolu 3(1), il-punt c tat-TSKG), kif previst [fir-Regolament propost]. Il-Patt Fiskali jistipula li f'każ ta' osservazzjoni ta' devjazzjonijiet sinifikanti mill-objettiv ta' terminu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejh, għandhom jiġu implimentati miżuri biex jiġu kkoreġuti d-devjazzjonijiet fuq perjodu ta' żmien definit (l-Artikolu 3(1) il-punt e tat-TSKG). Bl-istess mod, il-qafas riformat jirrikjedi korrezzjonijiet ta' devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa netta stabbilit mill-Kunsill. Barra minn hekk, meta d-devjazzjonijiet jirriżultaw f'defiċit ta' aktar minn 3 % tal-PDG, l-Istat Membru jista' jitqiegħed taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv. [...] Il-Patt Fiskali jipprevedi li l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom rwol fil-proċess ta' infurzar (l-Artikolu 5 tat-TSKG), kif iddikjarat fil-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97*"[15].

PUBLIC

[14] Dan jikkorrispondi għall-paragrafu 17 tal-opinjoni tas-SLK tal-2018.

[15] Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-proposta għal Regolament dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, pp. 3-4.

21. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li "*l-qafas ta' governanza ekonomika riformat propost jista' jitqies bħala li jinkorpora s-sustanza tad-dispożizzjonijiet fiskali tat-TSKG fil-qafas legali tal-UE, skont l-Artikolu 16 tat-TSKG*"[16].

22. Ta' min jinnota wkoll li, għall-kuntrarju tal-proposta tal-2017 għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tar-responsabbiltà fiskali u l-orjentazzjoni baġitarja fuq perjodu medju fl-Istati Membri, il-pakkett tal-EGR jipproponi biss li r-Regolamenti tal-UE jintużaw bħala mezz biex tiġi inkorporata s-"*sustanza*" tal-Patt Fiskali fl-Unjoni. Fil-paragrafu 18 tal-opinjoni tal-2018, is-SLK innota, fir-rigward tal-obbligu mit-TSKG li tiġi inkorporata r-regola tal-baġit ibbilanċjat "*permezz ta' dispożizzjonijiet li jkunu vinkolanti u ta' karattru permanenti, preferibbilment kostituzzjonali, jew li b'xi mod ieħor ikunu garantiti li jiġu rispettati u osservati b'mod sħiħ matul il-proċessi baġitarji nazzjonali*", li billi jaġixxi permezz ta' Direttiva, il-leġiżlatur tal-UE "*[j]ħalli l-għażla tat-traspożizzjoni u l-metodu tagħha f'idejn l-Istati Membri,* [u b'hekk jippermettilhom] *igawdu marġini ta' diskrezzjoni skont il-proposta li ma jgawdux skont it-TSKG*".
Min-naħa l-oħra, fil-proposti preżenti, tali diskrezzjoni ma tkunx disponibbli, peress li r-Regolamenti tal-UE huma vinkolanti fl-intier tagħhom u japplikaw direttament f'konformità mal-Artikolu 288 TFUE.

23. Madankollu, hemm żewġ elementi li fuqhom hemm differenza bejn is-"*sustanza*" tal-Patt Fiskali u l-pakkett propost tal-EGR:

– l-ewwel, il-proposti ma jimponux regola fiskali numerika speċifika u obbligatorja; kif ukoll

– it-tieni, il-proposti jissostitwixxu r-"regola 1/20" bħala metrika għall-proċeduri ta' defiċit eċċessiv (PDE) bbażati fuq id-dejn b'referenza għat-tbegħid mill-perkors tan-nefqa netta, peress li l-Kummissjoni tqis li r-regola preċedenti timponi "*sforz fiskali impenjattiv wisq għal xi Stati Membri*".[17]

---

16 Ibid.
17 Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-proposta għal Regolament dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, p. 4.



PUBLIC

24. Il-kwistjoni fundamentali hija jekk, minkejja ż-żewġ differenzi ta' hawn fuq, il-pakkett tal-EGR jikkorrispondix għas-"*sustanza*" tad-dispożizzjonijiet fiskali tat-TSKG. Fl-eżami ta' din il-kwistjoni, għandhom jitqiesu diversi kriterji.

25. L-ekwivalenza tal-għanijiet bejn iż-żewġ reġimi (l-hekk imsejjaħ "approċċ teleoloġiku") hija kriterju importanti biex tiġi vvalutata l-kwistjoni ta; jekk il-pakkett tal-EGR jikkorrispondix għas-"*sustanza*" tad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TSKG u, għaldaqstant, il-Kummissjoni qed toqgħod fuqha għal dan l-iskop. Huwa inkontestabbli li kemm it-TSKG kif ukoll il-pakkett propost tal-EGR jikkondividu bħala l-għan tagħhom it-tnaqqis tad-dejn tal-gvern u l-konformità mal-obbligu li jiġu evitati defiċits eċċessivi tal-gvern.

26. Madankollu, kif innotat fil-paragrafu 21 tal-opinjoni tas-SLK tal-2018, il-fatt li ż-żewġ mekkaniżmi għandhom l-istess skop mhux neċessarjament jitlob li l-mezzi użati għal dan l-għan ikunu l-istess. Għalhekk, huwa possibbli li jiġi konkluż li l-pakkett propost tal-EGR fih is-"*sustanza*" tat-Titolu III tat-TSKG dment li l-approċċi taż-żewġ strumenti biex jilħqu dan l-għan komuni jippermettu l-kisba ta' riżultati ekwivalenti f'termini ekonomiċi.

27. Essenzjalment, kif innotat fil-paragrafu 22 tal-opinjoni tas-SLK tal-2018, il-Partijiet Kontraenti jeħtieġ li jkunu ssodisfati li, jekk ma jkunx għad hemm fis-seħħ obbligu ta' trattat internazzjonali kif jinsab attwalment fl-Artikolu 3 tat-TSKG, l-impenji magħmula bis-saħħa tal-pakkett propost tal-EGR jiksbu eżitu ekwivalenti għal dak li jirriżulta mill-Patt Fiskali.

28. Iżda tali valutazzjoni ma tistax tkun ibbażata fuq eżami tal-ekwivalenza ekonomika biss. Kif stabbilit fil-paragrafi 23-29 tal-opinjoni tal-2018, din titlob żewġ kwalifiki.

PUBLIC

29. L-ewwel nett, il-Partijiet Kontraenti għandhom iqisu wkoll l-approċċi ta' governanza u implimentazzjoni li fuqhom huma msejsa ż-żewġ strumenti, it-TSKG u l-pakkett propost tal-EGR. Iż-żewġ strumenti jirrispondu għal mudelli differenti ħafna ta' governanza u implimentazzjoni. It-TSKG huwa msejjes fuq parametru numeriku komuni magħruf "ex ante" u japplika ndaqs għall-Partijiet Kontraenti. Huwa mudell ċentralizzat u bbażat fuq mudell, u dan kien element fundamentali fin-negozjati għalih (ara d-Dikjarazzjoni tal-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern taż-Żona tal-Euro, imsemmija fil-paragrafu 18). Il-pakkett propost tal-EGR jistrieħ fuq approċċ deċentralizzat fejn l-obbligi jiġu ddeterminati individwalment għal kull Stat Membru fi sħubija mal-istituzzjonijiet kompetenti tal-UE (primarjament il-Kummissjoni).

30. It-tieni, kif diskuss fit-tul fl-opinjoni tas-SLK tal-2018 b'rabta mat-tifsira tat-terminu "*sustanza*" f'dan il-kuntest, "*l-inkorporazzjoni tas-"sustanza" tat-TSKG fid-dritt tal-Unjoni ma tistax tinftiehem bħala mwettqa meta tkun garantita biss ekwivalenza tar-riżultati taż-żewġ strumenti legali, irrispettivament mill-mezz kif din tintlaħaq, iżda wkoll meta jkunu żgurati livell għoli ta' omoġeneità u l-identità bejn l-elementi materjali taż-żewġ strumenti.*"[18]

31. Barra minn hekk, is-SLK iżid li l-obbligu relatat mal-inkorporazzjoni tas-sustanza li jinsab fl-Artikolu 16 tat-TSKG ma jistax jinqara indipendentement mill-kuntest li fih huwa stabbilit. Għaldaqstant, għandu jiġi nnotat li t-test ta' dik id-dispożizzjoni fih diversi kwalifikaturi importanti: l-ewwel, il-proċess ta' inkorporazzjoni jrid ikun imsejjes fuq "*valutazzjoni tal-esperjenza bl-implimentazzjoni [tat-TSKG]*", u, it-tieni, li l-proċess jikkonsisti fit-teħid tal-*passi meħtieġa... bil-għan li s-sustanza* [tat-TSKG] *tiġi inkorporata fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea*".

[18] Paragrafu 29 tal-opinjoni tas-SLK tal-2018. Ara wkoll il-paragrafi 25-28 tagħha.



PUBLIC

32. Għalhekk, il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tirrikjedi b'mod ċar li l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tal-Patt Fiskali titqies għall-finijiet tal-inkorporazzjoni tiegħu fid-dritt tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, il-konformità ma' dan ir-rekwiżit tippresupponi li l-proċess ta' inkorporazzjoni ma jistax jitqies bħala traskrizzjoni mekkanika tat-test tat-TSKG fi strumenti leġiżlattivi tal-UE. It-test jistabbilixxi wkoll obbligu ta' mezz (*"passi meħtieġa bil-għan li"*) aktar milli jagħti mandat għal riżultat aħħari speċifiku. Dawn iż-żewġ elementi jindikaw b'mod ċar il-ħtieġa li tiġi vvalutata l-ekwivalenza tal-miżuri b'mod komprensiv, filwaqt li jitqies il-kuntest li fih għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-EGR u l-bidliet f'dak il-kuntest, inkluż l-esperjenza miksuba mill-iffirmar tat-TSKG 'l hawn.

PUBLIC

33. Il-pakkett attwali jirreferi b'mod espliċitu fil-preambolu għal għadd ta' elementi li huma rilevanti għall-applikazzjoni tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni[19]. Il-ħtieġa li din l-esperjenza reċenti titqies fir-riforma attwali ġiet rikonoxxuta b'mod espliċitu mill-Kunsill[20]. Għalhekk, dawn l-elementi kuntestwali huma rilevanti wkoll meta jiġi vvalutat jekk il-proposti jinkorporawx kif xieraq is-"*sustanza*" tat-TSKG, f'konformità mal-formulazzjoni tal-Artikolu 16 tat-TSKG.

PUBLIC

[19] Il-premessa (5) tal-proposta għal Regolament dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, u tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv: *"Il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi adattat biex iqis aħjar l-eteroġeneità dejjem tikber tal-pożizzjonijiet fiskali, l-isfidi tad-dejn pubbliku u vulnerabbiltajiet oħrajn fl-Istati Membri. Ir-rispons politiku qawwi għall-pandemija tal-COVID-19 wera li kien effettiv ħafna fil-mitigazzjoni tad-dannu ekonomiku u soċjali tal-kriżi, iżda l-kriżi rriżultat f'żieda sinifikanti fil-proporzjonijiet tad-dejn tas-settur pubbliku u privat, li jenfasizza l-importanza li l-proporzjonijiet tad-dejn jitnaqqsu għal livelli prudenti b'mod gradwali, sostnut u favorevoli għat-tkabbir u li jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi, filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa lill-objettivi tal-impjiegi u soċjali. Fl-istess ħin, il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi adattat biex jgħin fl-indirizzar tal-isfidi ta' terminu medju u twil li qiegħda tiffaċċja l-Unjoni inkluż l-ilħuq ta' tranżizzjoni diġitali u ekoloġika ġusta, inkluża l-Liġi dwar il-Klima 22 , l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija, l-awtonomija strateġika miftuħa, l-indirizzar tat-tibdil demografiku, it-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u ekonomika u l-implimentazzjoni tal-boxxla strateġika għas-sigurtà u għad-difiża, li kollha kemm huma jirrikjedu riformi u livelli għoljin sostnuti ta' investiment fis-snin li ġejjin."*

[20] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE tal-14 ta' Marzu 2023, punt 6: *"IQIS li l-qafas ta' governanza ekonomika u passi ulterjuri fl-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) għandhom iqisu t-tagħlimiet meħuda mir-risponsi tal-politika ekonomika tal-Unjoni għal kriżijiet preċedenti."*

## IV. <u>KONKLUŻJONI</u>

34. Huwa f'idejn il-Partijiet Kontraenti għat-TSKG li jivvalutaw it-tifsira u l-effetti tad-dispożizzjonijiet li huma stess innegozjaw u rratifikaw, inkluż l-obbligu li jieħdu l-passi meħtieġa bl-għan li jinkorporaw is-"*sustanza*" tat-Titolu III ta' dak it-Trattat fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Artikolu 16 tiegħu.

35. L-inkorporazzjoni tas-"*sustanza*" tat-TSKG fid-dritt tal-Unjoni tiddependi mill-valutazzjoni tal-ekwivalenza bejn l-Artikolu 3 tat-TSKG u d-dispożizzjonijiet fiskali tal-pakkett tal-EGR. Waqt li jwettqu din il-valutazzjoni, il-Partijiet Kontraenti għandhom iqisu dan li ġej: il-livell ta' ekwivalenza ekonomika bejn iż-żewġ mekkaniżmi; it-tqabbil bejn il-mudelli differenti ta' governanza u ta' implimentazzjoni stabbiliti fit-TSKG u proposti fil-pakkett tal-EGR; l-interpretazzjoni tat-terminu "*sustanza*" (tradotta f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi tat-TSKG bħala "kontenut"), u l-kuntest ġenerali li fuqu l-Artikolu 16 tat-TSKG isejjes din l-inkorporazzjoni, inkluż valutazzjoni tal-esperjenza bl-implimentazzjoni ta' dak it-Trattat.